# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 68/K9/24**

Data tal-laqgħa: 21 ta' Mejju 2024

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Sean Gauci – Kunsillier
Victor Vella – Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera
Martin Sultana – Kunsillier
Adrian Domenic Ellul - Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula (Inc. 4405473/24)
Il-Kunsillier John Agius (Inc. 4405474/24)

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Malcolm Agius – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Cher Carmen Fenech – Assistant Prinċipal

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**68.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

68.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsillier John Agius talab li jiġi skużat għal-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**68.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

68.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 67/K9/24.

68.2.02 Iċ-Ċermen staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni pero ma kienx hemm korrezzjoni.

68.2.03 Il-Kunsillier Victor Vella ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

68.2.04 Il-Kunsillier Sean Gauci ssekondah fl-approvazzjoni.

68.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**68.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

68.3.01 L-attività li ġiet organiżżata dwar l-*HIV Awareness* li din saret ħdejn il-monument tal-Love u kienet suċċess.

68.3.02 Il-Ġimgħa 17 ta' Mejju 2024 sar il-ftuħ ta' Wesghet Bjar ta' Napuljun kif ukoll ġie mnedi ktieb ġdid dwar l-istess storja.

68.3.03 Fir-rigward il-proġett ta' Ġnien Saver Żarb, iċ-Ċermen ressaq stima sabiex jitneħħew żewġ siġriet li qed jostakolaw il-bankina. Dawn ser jitneħħew bl-approvazzjoni tal-ERA.

Il-Kunsilliera Sean Gauci u Patricia ssuġerew li jsiru aktar siġar minflok dawn li kellhom jitneħħew. Is-Segretarju nfurmahom li ser ikun qiegħed isir *hedging* madwar il-ġnien kollu filwaqt li ser terġa tintbagħat ittra lill-kuntrattur sabiex jgħattina perjodu sa meta ser ikun lest ix-xogħol.

68.3.04 Dwar it-tibdil li sar fid-direzzjoni tat-traffiku fi Triq Patrick Brydone u Sqaq is-Siġra jidher li hija suċċess.

68.3.05 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li x-xogħol tat-triq Telgħet Birkirkara wasal lejn it-tmiem u diġà ngħata l-ewwel kisja tarmak.

68.3.06 Dwar Triq Charles Sciberras il-Kunsilliera preżenti ġew nfurmati li ser ikunu qed isiru żewġ bozoz oħra. Fir-rigward it-tieni layer li kellu jsir, dan għadu ma sarx minħabba li hemm proġett li għad jrid isir madanakollu t-tarmak suppost għandu jingħata dalwaqt.

68.3.07 Triq Birkirkara saret iz-zebra crossing ħdejn il-ħanut Martina's Pizzeria.

68.3.08 Fir-rigward iz-zebra crossing ħdejn il-Marriot Hotel din tneħħiet. Il-Kunsillier Sean Gauci ġibed l-attenzjoni li ċertu marki tat-toroq għadhom ma tlestewx kollha u ċ-Ċermen spjega li ser ikun qiegħed jerġa jkellem lill-Marriot Hotel.

68.3.09 Dwar l-email b'talba għal majjalata ħdejn it-Tony's Bar, il-Kunsill iddeċieda li ma jsib l-ebda oġġezzjoni dment li jinħarġu l-permessi kollha neċessarji.

68.3.10 Email dwar Triq il-Kbira biex tkun *pedestrian priority* u email oħra dwar Triq il-Kbira u Triq Sant' Elija minħabba li din qeda perikoluża meta jgħaddu l-karozzi b'veloċità. Iċ-Ċermen issuġġerixxa li din għandha tiġi diskussa meta jiġi elett Kunsill ġdid.

68.3.11 Dwar l-email b'talba sabiex issir umbrella faċċata tal-każin tal-Banda San Ġiljan fi Triq San Ġorġ, il-Kunsill ser ikun qiegħed jikteb lill-Pulizija sabiex jivverifikaw madwar il-lokalita' kollha jekk dawn il-persuni għandhomx il-permessi kollha neċessarji.

Fuq nota oħra, qed nirċievu diversi rapporti dwar persuna li qed jpoġġi vann jbiegħ l-*juices* fi Triq Censu Tabone. Ser nkunu qed nerġgħu niktbu lill-Pulizija sabiex tittieħed l-azzjoni neċessarja.

68.3.12 Fir-rigward l-email dwar *proposal for community art project – mural – St. Julian's*, iċ-Ċermen issuġġerixxa li din ma isirx fejn qed jigi propost (Balluta toilets) minħabba li din il-parti hija umduża. Il-Kunsill qabel li jissuġġerixxi li din issir fir-rampa tat-Taraġ ta' Attard Kingswell.

68.3.13 Talba għal kumpens fuq ħsara li saret fuq vettura fi Triq il-Knisja. Il-Kunsill bagħat din l-ittra lill-Avukat tal-Kunsill fejn ingħatat l-informazzjoni min-naħa tagħha. Din inqrat waqt il-laqgħa. Il-Kunsill qabel ma l-parir li qed tagħti l-Avukata.

68.3.14 Email dwar talba sabiex nagħmlu reklam fil-paġna tal-ktieb Lapsi 2024 li jsir kull sena. Wara diskussjoni il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

68.3.15 Wara li nqrat l-email dwar *Ukrainian mural gift for St Julian's proposal* ġie deċiż li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni li din issir fit-taraġ ta' Triq il-Bajja.

68.3.16 Tressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, talba li saret lill-BOV sabiex l-jiżdied l-limitu ta' kuljum sabiex jibdew isiru *direct debit*. Kif ukoll ser tkun qed tintbagħat ittra sabiex jingħalqu accounts li mhumiex jintużaw. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel ma' din il-talba.

68.3.17 Fir-rigward il-Bye Law dwar il-ħtieġa tad-Dispensjoni tal-ilma wara l-awrina tal-kelb, iċ-Ċermen ressaq bye-law għal approvazzjoni tal-Kunsill. Wara diskussjoni l-Kunsill iddeċieda li l-multa ssir ta' kif qed jiġi ssuġġerit min-naħa ta' l-Avukata.

**68.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

68.4.01 Il-Kunsillier Martin Sultana staqsa dwar ittra li kellha tintbagħat ma' Transport Malta dwar zebra crossing ħdejn il-Melita Pharmacy. Fuq nota oħra, huwa ippreżenta lill-Kunsill żewġ tokens ghal-*begginers course* sabiex Kunsill ieħor jaħseb fiha jekk ikun interessat isiru korsijiet ta' komputers. Huwa irringrazzja lill-Kunsill.

68.4.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli tkellmet dwar egħluq ta' permessi. Għandha tiżdied fil-kundizzjonijiet li l-applikant għandu javża lir-residenti qabel speċjalment f'għeluq ta' triq.

68.4.03 Il-Kunsillier Victor Vella ġibed l-attenzjoni dwar bozza maqtugħa li ilha ħafna fi Sqaq is-Sigra. Huwa ġie nfurmat li din diġà ġiet irrapportata u ser nerġgħu nirrapurtawa.

68.4.04 Il-Kunsillier Sean Gauci rringrazzja lill-Kunsill tax-xogħol siewi li sar.

68.4.05 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri staqsiet dwar Pharmacy / Clinic ġewwa ta' Ta' Ġiorni. Iċ-Ċermen spjega li meta marru fuq proġett mill-Project Green kien diġà ġie ssuġġerit filwaqt li nfurmat lill-Kunsill li f'Wesgħet Agostino Savelli qed jgħaddu t-trakkijiet tal-konkos għalhekk għandhom isiru bollards.

**68.5 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

68.5.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru.6193 sa 6218 (Ara Appendiċi 'A').

68.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**68.6 Skeda tal-Pagamenti**

68.6.01 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ippropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B').

68.6.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ppproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

68.6.03 Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondatu fl-approvazzjoni.

68.6.04 Iċ-Ċermen irringrazzja lill-Kunsill għal ħidma kollha li saret, irringrazzja lis-Segretarju u lill-Assistant Principal tax-xogħol siewi li sar tul dawn is-snin.

Iċ-Ċermen irringrazzja ukoll lill-Kunsillier Martin Sultana, lill-Viċi Sindku Clayton Luke Mula li mhux ser jerġgħu jkunu qed jikkontestaw għal Kunsill kif ukoll lill-Kunsillier Adrian Domenic Ellul li ser ikun qiegħed jikkontesta fl-lokalita' oħra.

**68.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

68.7.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar it-Tlieta 11 ta' Ġunju 2024 fil-5.00p.m.

68.7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00p.m.

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Malcolm Agius**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**

**Data: 11 ta' Ġunju 2024**